# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR161464, Press Release Issue Date: Jun 28, 2016

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li, wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), l-imsemmi prodott m'għandhomx jiġu kkunsmati minħabba li nstab li fihom l-ingredjenti ġodda mhux awtorizzati 'Agmatine Sulphate', ' Creatine Nitrate' u 'Citrulline'.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Dr. Jekyll Pump Pre-workout |
| **Ditta:** | Dr. Jekyll |
| **Togħmiet:** | Fruit punch; Mango Passionfruit; Watermelon |
| **Dati tad-durabbilita` u lottijiet:** | Fruit Punch: EXP: 08/17 (Lott:A10860815) u EXP: 12/18 (Lott: A108791215)<br>Mango Passionfruit: EXP: 06/17 (Lott: A103310615) u EXP: 11/17 (Lott: A107921115)<br>Watermelon: EXP: 12/18 (Lott: A108781215) |




Il-kumpanija involuta ddikjarat li l-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.
Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.